

Brussell, 16 ta' Frar 2022
(OR. fr)

6005/22

FIN 122
PE-L 9

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Kumitat tal-Baġit
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-impriżi konġunti fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2020 – <i>Adozzjoni</i>

1. F'konformità mal-atti ta' stabbiliment rilevanti u, fil-każ tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni u l-Impriża Konġunta SESAR, f'konformità wkoll mal-Artikolu 70(4) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046¹, il-Kunsill huwa mitlub ifassal rakkomandazzjonijiet lill-Parlament Ewropew dwar kwittanza li għandha tingħata lill-impriżi konġunti.

¹ Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

2. Fil-vidjokonferenza informali tal-21 ta' Jannar u fil-laqgħa tal-25 ta' Jannar, il-membri tal-Kumitat tal-Baġit eżaminaw id-disa' rapporti annwali speċifiċi² tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri relatati mal-impriżi konġunti, u laħqu ftehim dwar l-abbozz ta' testi kif jidhru fl-Addendum.
 3. Il-Kumitat tal-Baġit jirrakkomanda lill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti biex jissuġġerixxi lill-Kunsill:
 - jadotta l-abbozz ta' rakkomandazzjonijiet kif jidhru fl-Addendum għal din in-nota; u
 - jieħu ħsieb biex dawn jintbagħtu lill-Parlament Ewropew u japprova l-abbozz ta' ittra fl-Anness għal dak il-għan.
-

² ĠU C 458, 12.11.2021, p. 20.

ABBOZZ TA' ITTRA

minn: President tal-Kunsill

lil: President tal-Parlament Ewropew

Sinjura President,

F'konformità mal-atti ta' stabbiliment rilevanti u, fil-każ tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni u l-Impriża Konġunta SESAR, f'konformità wkoll mal-Artikolu 70(4) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046¹, qed nibgħat separatament² ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2022 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-impriżi konġunti fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2020.

[Formola tal-għeluq]

¹ Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

² Dok. 6005/22 + ADD 1.